

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9802/22

LIMITE

JAI 796
SCHENGEN 61
SCH-EVAL 78
FRONT 234
MIGR 179
ENFOPOL 310
IXIM 155
ASILE 71
COMIX 295

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9397/22
Nru dok. Cion:	9478/22
Suġġett:	L-istat ġenerali taż-Żona Schengen - Rapport dwar l-istat ta' Schengen

I. Fl-ewwel semestru tal-2022, il-Kunsill saħħaħ l-għodod ta' governanza tiegħu taż-żona Schengen

Ġie stabbilit "Kunsill ta' Schengen" biex jiżgura tmexxija ġenerali aħjar fil-livell ministerjali. Dan iltqa' għall-ewwel darba fit-3 ta' Marzu. Il-ħidma tal-"Kunsill ta' Schengen" hija bbażata fuq għodod speċifiċi, b'mod partikolari r-"Rapport Annwali dwar l-Istat ta' Schengen" u barometru li għandu jiġi ppreżentat regolarment mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ser tikkontribwixxi wkoll għat-tħejjija xierqa tal-ħidma, u għas-segwitu tad-deċiżjonijiet meħuda, billi taħtar Koordinatur ta' Schengen li ser jaħdem mill-qrib mal-korpi tal-Kunsill. Il-proposti li saru fil-bidu tas-semestru mill-Presidenza dwar il-governanza għalhekk bdew jimmaterjalizzaw, f'konformità mal-linji gwida li jinsabu fid-dokument tal-Kunsill Nru 6234/22 tat-23 ta' Frar 2022.

Il-Kunsill laħaq ukoll stadji importanti fir-reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen. Fit-3 ta' Marzu, huwa adotta approċċ ġenerali rigward ir-Regolament dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen. Wara li jittieħed kont tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, it-test jiġi preżentat lill-Kunsill ĠAI tal-10 ta' Ġunju, bħala punt "A", għall-adozzjoni finali. Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni mġedded ser jagħmilha possibbli li jiġu identifikati xejriet ewlenin jew diffikultajiet sistemiċi, u li l-Kunsill ta' Schengen jitqiegħed f'pożizzjoni li jiddefinixxi linji gwida politiċi.

Fl-istess ħin, komplet il-ħidma fuq id-diversi elementi essenzjali tal-acquis ta' Schengen (l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni, il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, eċċ.), bil-ħsieb li ż-żona komuni tagħna ssir aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.

Ir-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jeħtieġ li tiġi ffinalizzata, hija wkoll parti essenzjali minn dan il-pakkett.

II. Il-Kummissjoni għadha kif ippreżentat "Rapport dwar l-Istat ta' Schengen".

Ir-"Rapport dwar l-Istat ta' Schengen" (*COM (2022) 301 final/2*) iqis il-prijoritajiet li ġejjin:

- it-tiŝiħ tal-governanza ta' Schengen (fir-rapport tagħha l-Kummissjoni tipproponi "ċiklu ta' Schengen");
- il-progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija għal żona Schengen aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti;
- is-sitwazzjoni attwali taż-żona Schengen (is-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni, is-sitwazzjoni fil-fruntieri interni, it-tlestija taż-żona Schengen);
- it-tiŝiħ tal-miżuri ta' kooperazzjoni tal-pulizija;
- il-prijoritajiet li jirriżultaw mill-evalwazzjonijiet ta' Schengen (b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin: il-ġestjoni tal-fruntieri esterni; il-politika dwar il-viża; ir-ritorn; il-kooperazzjoni tal-pulizija; is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS); il-protezzjoni tad-data).

Il-ministri huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar in-nuqqasijiet u l-linji gwida ewlenin identifikati f'dan ir-rapport.

III. Fid-dawl ta' dawn id-diskussjonijiet u d-dokumenti, il-Presidenza tipproponi li l-Kunsill ikompli bl-azzjonijiet li ġejjin fix-xhur li ġejjin:

1. Governanza politika:

- ilaqqa l-"Kunsill ta' Schengen" erba' darbiet fis-sena biex jagħti d-direzzjoni politika u strateġika meħtieġa għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen;
- jibni fuq il-"barometru" ppreżentat regolarmet mill-Kummissjoni, fuq ir-"Rapport dwar l-Istat ta' Schengen" ippreżentat darba fis-sena, kif ukoll fuq l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen;
- iserraħ fuq il-Koordinatur ta' Schengen maħtur mill-Kummissjoni.

2. Mekkaniżmu ta' evalwazzjoni:

- jimplimenta r-Regolament il-ġdid mill-1 ta' Ottubru 2022;
- jiżviluppa skambji ta' Prattiki tajba identifikati matul l-evalwazzjonijiet, li jinġabru flimkien f'kompjendju.

3. Il-kodiċi tal-fruntieri ta' Schengen, il-fruntieri esterni, il-fruntieri interni:

- jiffinalizza r-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen;
- Ġestjoni integrata tal-fruntieri: jiddefinixxi viżjoni strateġika pluriennali għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, abbażi tad-dokument ta' gwida politika tal-Kummissjoni;
- Frontex: ikompli t-tnedija tal-korp permanenti; isaħħaħ il-governanza mill-bord ta' tmexxija; jimplimenta l-proċedura ta' reklutaġġ tad-Direttur Eżekuttiv; jiżgura r-reklutaġġ ta' osservaturi tad-drittijiet fundamentali; jiżviluppa l-azzjoni esterna tal-Aġenzija (ftehimiet dwar l-istatus, arranġamenti ta' ħidma); iħejji l-evalwazzjoni mistennija sa tmiem l-2023;
- Implimentazzjoni ta' kontrolli sistematiċi fuq il-fruntieri esterni: isaħħaħ ir-riżorsi tekniċi u umani.
- Fruntieri interni: jippromwovi miżuri ta' akkumpanjament biex jiggarrantixxu li l-ispazju Schengen jaħdem tajjeb.

4. Kooperazzjoni tal-pulizija:

- jimplimenta l-mandat il-ġdid tal-Europol mit-28 ta' Ġunju 2022;
- jipprova l-miżuri proposti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni operazzjonali mill-forzi tas-sigurtà interna (eż. l-istabbiliment ta' pjattaforma għall-appoġġ amministrattiv u loġistiku għal pattulji konġunti u operazzjonijiet konġunti oħra);
- ikompli n-negozjati tad-Direttiva dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni u r-Regolament Prüm II;
- jżviluppa l-interoperabbiltà tan-networks ta' komunikazzjoni bir-radju.

5. Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS):

- jimplimenta malajr kemm jista' jkun, qabel tmiem l-2022, il-verżjoni aġġornata tas-SIS, li tippermetti li s-servizzi tal-utenti jkollhom funzjonalitajiet ġodda;
- Jiżgura l-funzjonament tajjeb tal-Uffiċċji SIRENE nazzjonali;
- Jagħmel użu sħiħ mill-funzjonalità tat-tiftix tal-marki tas-swaba' diġitali.

6. Interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI:

Jiżgura li l-iskedi tat-tnejja tas-sistemi ta' informazzjoni differenti (is-SIS, is-sistema ta' dħul u ħruġ, l-ETIAS) ikunu kompatibbli mal-oġġettiv li tinkiseb l-interoperabbiltà sa tmiem l-2023, filwaqt li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet għal kontrolli bla xkiel fil-fruntieri esterni.

7. Politika tar-ritorn:

Jimplimenta l-azzjonijiet previsti dwar dan is-suġġett fil-qafas tal-ewwel stadju dwar il-migrazzjoni u l-ażil. B'mod partikolari, tkompli l-ħidma operattiva mwettqa fil-qafas tal-MOCADEM kif ukoll mill-Koordinatur tar-Ritorn.

8. Politika dwar il-viżi:

Jsaħħaħ l-arranġamenti għall-monitoraġġ tal-liberalizzazzjoni diġà mogħtija, b'mod partikolari fil-konfront ta' skemi ta' ċittadinanza permezz ta' investiment, u jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda riskju assoċjat.

9. Protezzjoni tad-Data:

Fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, jiżgura li l-proċeduri stabbiliti fil-GDPR jiġu rrispettati.

10. Sitwazzjoni partikolari ta' ċerti Stati Membri li għadhom ma japplikawx l-acquis kollu:

Jiddefinixxi t-triq 'il quddiem għall-kontinwazzjoni tal-proċeduri applikabbli.

Il-ministri huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar dawn il-linji gwida ġenerali għall-azzjoni tal-Kunsill fix-xhur li ġejjin.
